Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun

# The Melite Post

HARĠA SPEĊJALI · IL-GRUPP FILATELIKU TAŻ-ŻEJTUN · APRIL 2018



Is-sensiela **Niċeċ iż-Żejtun** se tkun qed tagħti ħarsa lejn l-aktar 25 niċċa u statwa ta' valur storiku u arkitettoniku li nsibu matul it-toroq u l-imsieraħ qodma taż-Żejtun. F'mixja matul it-toroq qodma tal-irħula niltaqgħu ma' bosta tinqix, u arkitettura varja li żżejjen il-faċċati tad-djar, fosthom diversi niċeċ. Jidher li l-ewwel niċeċ f'Malta jmorru lura għas-seklu 17, fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann u dawn baqgħu sa żminijiet tal-lum. L-aktar lokalitajiet li għandhom numru ta' niċeċ huma Ħal Qormi, ir-Rabat u Ħaż-Żebbuġ. B'kollox fiż-Żejtun insibu 'l fuq minn 90 niċċa antika, li qed ikomplu jagħtu karattru lit-toroq antiki taċ-ċentru, ir-Raħal t'Isfel (Bisqallin), ir-Raħal ta' Fuq (Ħal Bisbut u Ħal Ġwann), u anke l-inħawi rurali, u jixħtu ħarsa lejn il-valuri taż-Żwieten fl-imgħoddi.

In-Niċeċ u l-Istatwi madwar it-toroq taż-Żejtun imorru lura minn diċenji u sa sekli sħaħ. Il-biċċa l-kbira tan-niċeċ jġibu magħhom ukoll indulġenzi li ngħataw fi żminijiet differenti minn Isqfijiet u Arċisqfijiet li kellha Malta, u hemm minnhom ukoll barranin bħan-niċċa ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, li hemm fi Triq Santa Katerina. L-eqdem indulġenza li nsibu hi dik mgħotija lir-reliev ta' San Franġisk Saverju, li tinsab fi Triq Marsaxlokk, fejn ingħatat l-indulġenzi fl-1770 mill-Isqof Pellerano u l-aħħar indulġenzi ġew mgħotija fl-1965, fi żmien il-Konċilju Vatikan it-Tieni, mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, lin-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju, li tinsab fi Triq Santa Katerina wkoll. F'Malta nsibu mijiet ta' niċeċ taħt titli differenti ddedikata lil Ġesù, lill-Madonna jew il-qaddisin. Iżda fiż-Żejtun insibu wkoll xi niċeċ li t-titlu tagħhom ma ssibu mkien aktar f'Malta; fosthom niċċa ddedikata lil San Baskal Bylon, San Girgor u l-Profeta Danjel. Insibu niċeċ ukoll li juru l-fratellanzi li nsibu fil-Parroċċa tagħna, fosthom għadd kbir ta' niċeċ iddedikati lill-Madonna tar-Rużarju; niċċa lill-Madonna taċ-Ċintura fi Triq Taltas; niċeċ lil San Mikiel; il-Kurċifiss u s-simboli tas-Sagrament Imqaddes.



## NIĊĊA TAL-MADONNA TA' LOURDES

Niċċa mill-isbaħ fi Triq Lorenzo Gafà, Bir id-Deheb turi daħla nofs tond bis-saqaf imżejjen b'disinn bħal qoxra ta' arzella. Fuq kull naħa tax-xbieha nsibu kolonna Dorika. In-niċċa hi mżejna b'diversi disinni ta' fjuri u skrolli.

Il-plakka li nsibu taħt in-niċċa taqra din l-iskrizzjoni; *Sua Eccla. Revma. Mons. Pietro. Pace. Concede Indulgenza di gironi 40 con Decreto 4 Marzo 1895 a chi Divotamante recitera Salve Regina Dinanzi Questa Statua.*

Niċċa oħra tal-Madonna ta' Lourdes fiż-Żejtun tinsab fi Triq il-Ħelsien. Fi Triq Lorenzo Gafà nsibu wkoll niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu, ta' Santa Marija Assunta, u ta' San Ġużepp.



## NIĊĊA TA' KRISTU KURĊIFISS

Din in-niċċa ta' Ġesù Kurċifiss fi Triq Taltas, Bisqallin, it-triq li tagħti għal Ħajt il-Wied, hi għolja madwar disa' filati b'xogħol ta' skultura rikka u hi waħda mill-akbar niċeċ fiż-Żejtun. Din ingħatat l-indulġenzi fl-1909 mill-Arċisqof Pietru Pace kif turi l-iskrizzjoni ta' taħt in-niċċa.

Skrizzjoni: *Si concede l'indulgenza di giorni 500 a chi divotamente recitasse un credo davanti quest immagine di Gesù Crocifisso dato della convento di S. Domenico della Vittoriosa nei giorni degli esercizzi con decreto 28 Marzo 1909 memoria da Angelo Cumbo.*

Ma' din in-niċċa nsibu biċċa xogħol ta' arti li l-ħaddied ħadem fuq il-fanal il-kbir li nsibu

## NIĊĊA TAL-MADONNA TAL-KARMNU



Din in-niċċa tinsab ma' faċċata elaborata u simetrika, mibnija fuq stil barokk fi Sqaq il-Madonna tal-Bon Kunsill. Fuq kull naħa tan-niċċa nsibu tlett kolonni Korintin u maġenb in-niċċa hemm twieqi elaborati bil-Kurċifiss fuqhom.

L-iskrizzjoni miktuba bit-Taljan fuq plakka tgħid li; Mons. Carmelo Xicluna jagħti l-indulġenza ta' 40 jum lil min jgħid Salve Regina quddiem din ix-xbieha tal-Beata Verġni Marija tal-Karmelu b'digriet tat-23 ta' Settembru, 1879.

Fiż-Żejtun insibu għadd kbir ta' niċeċ iddedikati lil Madonna bit-titlu tal-Karmelu, li wħud minnhom se jkunu qed jidhru fuq il-bolol personalizzati u kartolini li se joħorġu fis-16 ta' Lulju, Jum il-Karmelu.

## STATWA TA' SAN PAWL



Din l-istatwa ta' arti popolari tinsab fuq ħarrieġa ħierġa mill-opramorta ta' dar b'sular wieħed fi Triq Marsaxlokk, Ħal Bisbut. It-tradizzjoni lejn San Pawl fiż-Żejtun tmur lura għal diversi snin, hekk kif f'Xrobb l-Għaġin, li kien parti miż-Żejtun, hemm knisja ddedikata lil dan il-qaddis.

Teżisti wkoll leġġenda li tgħid li ż-Żwieten ma ridux jisimgħu kelmtu u l-qaddis Missierna sabbat saqajh u b'hekk iż-Żwieten baqgħu jitwieldu b'saqajhom ċatta.

Din hi l-unika xbieha ta' San Pawl li tinsab fi triqat iż-Żejtun. Fi Triq Marsaxlokk insibu wkoll in-niċeċ ta' San Ġużepp, San Nikola, San Franġisk Saverju, u l-Madonna tal-Karmnu.



## NIĊĊA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU

Din ix-xbieha tinsab fuq ħarrieġa sempliċi li tinżel l' isfel forma ta' piramida, qiegħda fil-parti t'isfel ta' Triq Santa Katerina, quddiem dak li kien Palazzo de Fremaux. Ix-xbieha hi xogħol ta' skultura tajba fil-ġebla u l-Madonna għandha l-istellarju.

Fuq plakka taħt ix-xbieha nsibu din l-iskrizzjoni: *L'Ecca. Tiegħu Revma. Mons. Arcisqof Michael Gonzi ikkonċedi l'indulġenza ta' 200 jum lil minn jgħid devotament Ave Maria quddiem din l'istatwa. 22-1-65.* Din hi l-aħħar niċċa fiż-Żejtun li ngħatat l-indulġenzi.

Ta' min jinnota li din l-indulġenza ngħatat waqt il-Konċilju Vatikan it-Tieni, li wara dan il-Konċilju ma kienx permessibli li jingħataw aktar indulġenzi.

## AKKWISTA S-SENSIELA NIĊEĊ IŻ-ŻEJTUN

Niċeċ iż-Żejtun se tkun sensiela ta' 25 bolla u kartolina li se toħroġ f'5 ħarġiet matul l-2018 u 2019. Il-prezz hu ta' €0.90ċ kull bolla u €0.80ċ kull kartolina. Il-ħarġa li jmiss se toħroġ bit-timbru tat-Tnejn, 16 ta' Lulju, 2018. **Importanti li tordna l-ordni tiegħek sal-Ħamis 12 ta' Lulju.**

### ORDNI

**Ordna billi ċċempel lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun fuq 21 663 866 jew liċ-Chairperson tal-Grupp Filateliku, Sean Chircop, fuq 99 203 815, jew ibgħat fuq l-email t'hawn taħt. Jekk se tħallis b'ċekk irid ikun pagabbli lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun.**

## ABBONA MA' THE MELITE POST

Publikatur: **Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun**

Indirizz: **Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun,**
**28, Dar iż-Żwieten, Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun**

Kuntatt: Telefon: **2166 3866**
Mobile: **9920 3815**
E-mail: **chircop.sean@gmail.com**